Dr. Sylvana Spiteri LL.D. .................. *Segretarja*
Brother Victor Privitera ...... *Assistent Segretarju*
Mrs. M. Rose Bonnici .......................... *Kaxxiera*
Carmelo Falzon A & C.E. ....... *Assistent Kaxxier*

**Membri**

Mr. Tony Vella ..................... Mr. Alfred Micallef
Mr. Albert Azzopardi ....... Mrs. Gladys Campbell

# AVVIŻ IMPORTANTI

Dawk it-Tesserati li ġentilment qed iqassmu il-POSTERS tal-Laqgħat ta' Talb ta' kull xahar u jixtiequ jbiddlu n-numru li jirċievu għat-tqassim, huma mitlubin jgħarrfu lill-Editur ta' dan il-fuljett f'dan l-indirizz:

**Brother Victor Privitera FSC**
**Stella Maris College**
**Gżira GZR 04**

Jekk għad hemm min jixtieq iqassam minn dawn il-Posters fil-ħwienet jew f'xi knejjes jew f'xi postijiet ta' laqgħat reliġjużi jew ta' talb, huma mitlubin jgħarrfu lill-Editur (indirizz hawn fuq) li ġie nkarigat mit-tqassim ta' dawn il-Posters.

DIKJARAZZJONI: Il-Bord Editorjali ta' dan il-Fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 16 OTTUBRU 1993 JITQASSAM BLA ĦLAS

## IL-MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

Skond ma tgħidilna Ġuża Mifsud, meta l-Madonna dehritilha xi ħamsin sena ilu, Hi qaltilha li meta kienet għadha tarbija, ommha, Sant'Anna, ikkonsagratha lil Alla. Dan il-fatt qatt ma ġie magħruf jew iċċelebrat b'xi festa bħal ma ġew ċelebrati ġrajjiet oħra tal-ħajja tal-Madonna, per eżempju, l-preżentazzjoni tagħHa fit-Tempju wara li kienet għalqet tliet snin.

Fil-Vanġelu ma nsibu xejn fuq il-ħajja tal-Madonna qabel ma l-Anġlu ħabbarha li kellha tkun Omm Alla. Lanqas il-Preżentazzjoni tal-Madonna fit-Tempju, festa li niċċelebraw fil-21 ta' Novembru, m'hi msemmija fil-Vanġelu. B'daqshekk, ma jfissirx li din il-ġrajja ma seħħetx! Nistgħu naħsbu li hemm fatti oħra fil-ħajja ta' Ġużeppi, ta' Marija u ta' Ġesù li ma nafu xejn fuqhom, jew kważi xejn. Nafu li s-Sagra Familja marret l-Eġittu; u li reġgħet marret lura wara ċertu żmien. Imma ma nafu l-ebda dettalji ta' x'ġara waqt il-vjaġġ tagħhom u l-ħajja li għexu fl-Eġittu. Hekk ukoll fuq l-Għarusija tal-Madonna ma' San Ġużepp. Dak li nafu fuq dawn il-ġrajjiet u oħrajn, nafuhom mit-Tradizzjoni u rivelazzjonijiet privati lil xi erwieħ qaddisa.

Dan l-aħħar ġew jarawni żewġ sinjuri Franċiżi u staqsewni ħafna affarijiet fuq Ġuża Mifsud u l-ġrajjiet tal-Girgenti. Domna aktar minn sagħtejn nitkellmu fuq il-Madonna, fuq Ġuża, fuq il-fenomeni tax-xemx li seħħew f'Ġunju 1988, fuq

il-grazzji mirakolużi li nqalgħu, u t-titular tal-Madonna tal-Kosagrazzjoni. Spjegajtilhom li dan m'għandu x'jaqsam xejn mal-konsagrazzjoni tad-djar lill-Qalb ta' Ġesù u ta' Marija. Taħt dan it-titlu aħna nagħtu ġieħ lill-Madonna bħala kkonsagrata lil Alla; jew, aħjar, niċċelebraw il-konsagrazzjoni tal-Madonna lil Alla, bħal ma niċċelebraw il-Preżentazzjoni tagħHa fit-Tempju.

Għaddew xi ġimgħatejn wara ż-żjara ta' dawn il-Franċiżi u rċevejt mingħandhom ktieb jismu: 'Il-Vanġelu kif ġie revelat lili' miktub bil-Franċiż, tradott mit-Taljan, u miktub minn mara jisimha Marija Valtorta. Din il-mara bdiet tgħix ħajja qaddisa sa minn ċkunita. Twieldet f'Marzu 1897, f'Caserta, l-Italja. Ġiet edukata mis-Sorijiet ta' Monza. Dejjem ħerqana li tingħata għas-servizz t'Alla, fl-1924 irnexxiela tidħol fl-Azzjoni Kattolika ta' Viareggio. Sena wara offriet ruħha 'l Alla bħala vittma. L-uġigħ li kienet tħoss f'darha tant żdied li fl-1 ta' April 1934 inxteħtet ġo sodda li minnha ma qamet qatt aktar. F'medda ta' għaxar snin, mill-1943 sal-1953 kitbet mal-15000 paġna ta' pitazz fuq il-viżjonijiet u rivelazzjonijiet li kellha, l-aktar fuq il-ħajja ta' Ġesù. Imma dak li jinteressana l-aktar hu r-rakkont dettaljat ta' kif għexu Sant'Anna u San Ġwakkin qabel u wara t-twelid tal-Madonna.

Marija Valtorta tiddeskrivi kif Anna, Ġwakkin, flimkien ma' Eliżabetta u Żakkarija, ftit wara t-twelid ta' Marija, telgħu it-Tempju għal ċerimonja ta' Purifikazzjoni, u, kif kienu hemm, Anna kkonsagrat lil Marija, bintha, lil Alla. Kien hemm preżenti ukoll, ċertu Anna ta' Phanuel li kienet tieħu ħsieb it-tfajliet li kienu jiġu ppreżentati fit-tempju (biex jgħixu hemm) wara li jkunu għalqu tliet snin.

Dan li kitbet Valtorta jikkonferma dak li qalet Ġuża. Imma Ġuża ma tatniex dettalji kif saret din il-konsagrazzjoni. Jalla dak li qalet Valtorta isaħħaħ it-twemmin tagħna fil-Madonna tal-Konsagrazzjoni!

**Spjegazzjoni:** Dak kollu li nsiru nafu minn dehriet ta' Ġesù, ta' Marija u ta' qaddisin oħra huwa parti minn revelazzjonijiet privati.



Lourdes, Fatima, Guadaluppe, La Salette, Medjugorje, La Roccia di Bel Passo (Catania), Le Tre Fontane eċċ... eċċ... kif ukoll dak li qaltilna Ġuża u Maria Valtorta, huma kollha rivelazzjonijiet privati li m'aħniex obligati nemmnu fihom. Dawn m'għandhom x'jaqsmu xejn ma' r-**RIVELAZZJONI** li tinkludi l-Veritajiet tal-Fidi Nisranija li għandna nemmnu. Dan ma jfissirx li dak li nitgħallmu minn rivelazzjonijiet privati m'huwiex veru jew awtentiku! Ir-Rużarju, id-Devozzjoni tal-Qalb ta' Ġesù, it-Tqarbin ta' l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar u s-Sibtijiet tal-Madnna eċċ... eċċ... huma kollha parti minn rivelazzjoni privata!

**L-Editur**



*Id-Dar fejn twieldet Ġuża Mifsud.*

# FEJN TWIELDET ĠUŻA

Ilbieraħ morna nżuru d-dar fejn twieldet sebgħin sen'ilu l-mara tad-dehriet, li wasslet il-messaġġ ta' Dik li ġgieldet mas-serp u d-dnub li ma rebaħha qatt.

Ħassejtni ntir bil-ferħ kif tlajt it-taraġ
ta' dik id-dar, flimkien ma' dik li wriet
li l-ebda ruħ ma tista' ssib il-faraġ,
ħlief fejn hemm tgħammar hienja l-Omm
li bkiet.

U jien bkejt ukoll bil-ferħ ilbieraħ,
x'ħin rajt is-snin igerrbu fuq ħajjitna
u f'ġid jinbidel xogħ'lna vojt u fieragħ.

Madonna, tkellem Int, għax aħna skitna.
Midd idek Int, għax aħna xħetna ż-żrieragħ
f'art niexfa li qed tmut: u aħna mitna!

**10/1/93** **Mons. Amante Buontempo**

*Lil Ġuża Mifsud tas-Siġġiewi (Girgenti) fl-okkażjoni ta' għeluq sninha (sebgħin) fis-27 ta' Jannar 1993.*

## NIFTAKRU!

**OTTUBRU** Ix-Xahar tar-Rużarju.
Nippruvaw inxerrdu din id-devozzjoni li togħġob tant lil Ġesù u lil Marija. Forsi nistgħu nistiednu familji oħra jgħidu r-Rużarju magħna, jew, dan ix-xahar, immorru ngħiduh il-knisja!

**NOVEMBRU** Ix-Xahar tal-Imwiet.
Ħafna jiftakru fil-qraba mejtin u jmorru jżuru ċ-ċimiterju! Din hija drawwa tajba. Imma m'hiex biżżejjed. Irridu nagħmlu xi ħaġa pożittiva bħal smigħ ta' quddies u tqarbin għalihom, noffru għalihom il-mertu ta' tpattija tagħna, u nagħmlu xi opri tajba.

**Għaqda ta' Talb**

Aħna t-Tesserati, għandna nkunu magħqudin fit-talb tagħna! Spiss nirċievi ittri fejn jgħiduli biex ngħid lil Ġuża u lil dawk li jattendu għal-Laqgħat ta' talb biex jitolbu għalihom għax għandhom bżonn jaqilgħu xi grazzja speċjali, xi fejqan jew xi għajnuna oħra. Aħna waqt il-laqgħat nitolbu għalihom. Imma jeħtieġ li aħna, individwalment, nitolbu għalihom kuljum; u hekk aħna lkoll niffurmaw talba li ma taqta' qatt.

**L-Editur**

## GRAZZJI MAQLUGĦA

*Dikjarazzjoni ta' Mr. Martin Scicluna, mill-Mosta.*

Dan ir-rapport ta' fejqan hu miktub bl-Ingliż. Dan ġie maqlub għall-Malti. Ma' dan ir-rapport hemm ukoll iċ-ċertifikat tat-tobba.

"Fis-Sajf ta' l-1984 jien kont qiegħed inbati minn infezzjoni tas-sistema urinarju. Kont taħt il-kura tat-tabib tal-familja. Għalkemm kont spiċċajt il-kors ta' kura, xorta waħda bqajt inbati u d-deni baqa' tiela'.

Fis-7 ta' Awissu dħalt l-isptar fejn sabu li l-pilloli li kont nieħu kien fihom ċerta sustanza (Chloromphenicol) li f'każijiet rari ħafna (wieħed f'miljun) teqred il-funzjoni tal-mudullun li joħloq ċelloli ġodda għad-demm, u dan in-nuqqas iwassal il-marid għall-mewt. Din il-marda tissejjaħ Agranulocytosis. Minn eżami tad-demm li għamluli irreżulta li d-demm tiegħi kien dgħajjef ħafna u li l-mudullun ma kienx qiegħed jiffunzjona.

Wara ġimgħatejn li kienu jtuni d-demm (blood transfusion) u doża qawwija ta' antibiotics ma kien hemm l-ebda titjib f'saħħti. Għalhekk daħħluni fl-I.T.U. għal kura intensiva.

Sadattant, ommi u l-għarusa tiegħi marru għand Ġuża Mifsud biex jgħidulha titlob għalija. Ġuża daħħlet lil ommi f'kamra oħra u wara li talbet lill-Madonna, daret fuq ommi u qaltilha li l-Madonna kienet se tfejjaqni. Infatti xi ġimgħa wara l-ewwel żjara ta' ommi lil Ġuża, l-għada ta' Santa Marija, l-eżami tad-demm wera li kien hemm bidu ta' ċelloli ġodda. Għalkemm id-demm kien għadu dgħajjef ħafna, it-tobba serrħu rashom u kkonfermaw li ma kienx hemm aktar periklu ta' mewt.

Kien biss wara t-titjib fil-funzjoni tal-mudullun, li t-tobba kixfuli il-gravità tal-periklu li jien kont ninsab fih. Jien ħriġt mill-isptar fit-8 ta' Settembru 1984.

Bl-interċessjoni tal-Madonna u t-talb ta' Ġuża Mifsud, il-familja u l-ħbieb, jiena llum ninsab f'saħħti u ngawdi ħajja normali."

Iffirmat
**Martin Scicluna**


ST. LUKE'S HOSPITAL
G'MANGIA.

DATE: 1/9/84

DISCHARGE LETTER

SURNAME: Scicluna NAME: Martin AGE: 24 yrs. NO: 055636

ADDRESS:

CONSULTANT: Prof Psaila WARD: MMB

Dear Doctor

This patient is discharged to your further care.
Particulars of this recent admission are as follows:-

Admitted : 4/8/84

Discharged : 8/9/84

Diagnosis :

Clinical Details :

Treatment on Discharge :

PROF. A.J. PSAILA MD, DCH(Lond) MRCP(Edin) MRCP(UK)
Senior Consultant Physician
Professor of Medicine
Head Department of Medicine.

Dr. Jos. Tonna M.D.

*Iċ-ċertifikat tat-tobba.*



# IL-KUMITAT IL-ĠDID
## *1993-1995*



*Il-post fejn isiru l-Laqgħat ta' Talb – Il-Girgenti.*

L-Assemblea Ġenerali saret fit-18 ta' Lulju 1993 li għaliha attendiet Ġuża Mifsud ukoll. Wara talb qasir, ingħata rendikont tax-xogħol u ħidma pastorali li saru, kif ukoll tagħrif fuq il-qagħda finanzjarja tal-Moviment u l-infiq ta' flus biex, minn għalqa, il-post inbidel fi pjazza kbira bil-bankijiet tal-ġebel għall-kumdità tan-nies li jżuru l-Girgenti jew jattendu għal-laqgħat ta' talb li soltu jsiru kull l-ewwel Ħadd tax-xahar jew xi Sibtijiet meta jingħad ir-Rużarju.

Saret, imbagħad, il-votazzjoni sigrieta għall-Kumitat il-ġdid li għandu jamministra l-Moviment għas-sentejn li ġejjin. Il-Kumitat huwa ffurmat minn dawn il-persuni:

Miss Ġuża Mifsud ................ *President Onorarju*
Rev. Dun Nazzaren Tonna .... *Direttur Spiritwali*
Philip Azzopardi A & C.E. .................. *President*
Charles P. Attard ........................ *Viċi President*